

# Knejjes Filjali fis-Siġġiewi

Kitba ta' Chev. Mario Coleiro OSJ

Is-Siġġiewi huwa wieħed mill-irħula l-qodma ta' pajjiżna. Hemm diversi mapep antiki u anke dokumenti li fihom jidher isem dan ir-raħal. Insibu wkoll il-viżti pastorali li minnhom wieħed jista' jieħu ħafna informazzjoni utli fuq x'kienet il-proprjeta` tal-Knisja fl-irħula tagħna minn żmien għal żmien. Hekk naraw li s-Siġġiewi jidher fil-viżta pastorali li l- Isqof Senatore de Mello għamel fl-1436 fejn jelenka t-tnax-il parroċċa li kienu stabiliti dak iż-żmien. Dawn kienu l-Imdina bħala knisja prinċipali, San Lawrenz tal-Birgu bħala belt marittima u magħhom issemmi għaxar parroċċi fil-kampanja. Fost dawn il-parroċċi tissemma dik ta' San Nikola tas-Siġġiewi.

Informazzjoni interessanti ħafna minn dawn il-viżti pastorali hija dik li toħroġ fuq kappelli filjali li konna nsibu fil-parroċċi tagħna fil-passat. Fil-viżta tiegħu, De Mello jelenka li mas-Siġġiewi konna nsibu wkoll l-irħula ta' Ħal Xluq, Ħal Kbir u Ħal Kdieri. Mons. Duzina fl-1575 isemmi li fit-territorju tal-parroċċa tas-Siġġiewi kien hemm sitta u erbgħin knisja li wieħed u għoxrin minnhom kienu fir-raħal innifsu, sitta f'Ħal Xluq, 4 f'Ħal Kbir, waħda f'Ħal Kdieri u erbatax rurali, imferrxin fil-kampanja.



*Il-knisja ta' Ħal Xluq*

Fost dawn il-knejjes li jissemmew f'dawn il-viżti pastorali nsibu l-knisja ta' Marija Assunta li tinsab fil-pjazza. Din tidher li nbniet l-ewwel darba fis-sena 1611 u reġgħet inbniet mill-ġdid fis-sena 1742. Hemm ukoll il-knisja tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista li nbniet fis-sena 1730 u tinsab faċċata tal-knisja tal-Assunta fil-pjazza prinċipali tar-raħal. Fil-qalba tar-raħal insibu wkoll il-knisja ta' Santa Margerita li hija meqjusa bħala waħda mill-eqdem knejjes fir-raħal. Din saħansitra tissemma fil-viżti pastorali tas-seklu sittax. Tissemma' wkoll il-knisja ta' San Mark li jidher li nbiet minflok oħra aktar antika. Dik li naraw illum inbniet fis-sena 1608.

Il-knisja tal-Madonna tal-Providenza hija knisja għażiża ħafna u ilha bosta snin tgawdi devozzjoni kbira. Jidher li din il-knisja kienet lesta mill-bini fis-sena 1753. Fl-1816 kien lest mill-bini l-portiku li nsibu quddiemha. Il-knisja tal-Lunzjata tal-Għolja hija antika ħafna u nbiet l-ewwel darba fis-sena 1420. Minn dak iż-żmien reġgħet inbniet mill-ġdid kemm-il darba fosthom fis-sena 1494 u wara fis-sena 1693 meta waqgħet b'terremot. Insibu wkoll il-knisja ta' San Niklaw ta' Ħal Niklusi li hija qadima ħafna u tissemma saħansitra fis-sena 1362 f'testment antik. Knisja oħra antika hija dik ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq li kienet diġa` teżisti qabel l-Assedju l-Kbir. Din reġgħet inbniet fis-sena 1584. Il-Knisja tal-Lunzjata ta' Ġebel Ciantar kienet lesta mill-bini fis-sena 1619 imma reġgħet inbniet mill-ġdid fis-sena 1708. Fis-sena 1616 kienet lesta mill-bini l-knisja tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fil-Fawwara. Din il-knisja llum tinsab f'idejn il-Konfraternita` tal-Karita` ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Fuq l-Għolja tas-Salib insibu

*Ikompli f'paġna 52*



wkoll il-knisja ta' San Lawrenz li nbiet fis-seklu sbatax. Din kienet ġiet profonata fis-sena 1859 u wara reġgħet inbniet mill-ġdid. Il-kappella ta' San Blas li tinsab fit-triq li tieħu għar-Rabat inbniet fis-sena 1430 imma fis-sena 1692 reġgħet inbniet mill-ġdid. Il-kappella ta' San Karlu Borromeo li tinsab biswit il-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Girgenti inbniet fis-sena 1763.

Ma' dawn il-knejjes jissemmew numru ta' knejjes oħrajn li ftit li xejn teżisti informazzjoni dwarhom. Fost dawn insibu waħda ddedikata lil San Bastjan kif ukoll lil San Mikiel, San Mattew, Tal-Vitorja, Santa Katerina, San Bartilmew, San Ġakbru, Tas-Salvatur, Sant' Agata, Tal-Viżitazzjoni, Sant'Ewfemja. Ma' dawn it-titli ta' knejjes li kienu jeżistu fit-territorju tas-Siġġiewi konna nsibu wkoll numru tajjeb ta' knejjes iddedikati lill-Assunta għaliex fil-Medju Evu dan it-titlu tal-Madonna kien popolari ħafna.

Din il-lista ta' knejjes hija elenkata sewwa fil-ktieb *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* ta' Achille Ferris pubblikat fl-1866.




